

31999L0008

L 50/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.2.1999

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/8/KE

tat-18 ta' Frar 1999

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE dwar il-marketing taż-żerriegħa taċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa taċ-ċereali⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/96/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 (a) tagħha,

Billi, fil-każ taż-żerriegħa *triticale* maħsuba sabiex tiġi mmarkitata fit-territorju tagħhom stess, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu sa 80 % tal-ġerminazzjoni minima meħtieġa skond l-Anness II;

Billi din il-possibbiltà mhix sejra tkun iktar iggarantita mill-1 ta' Frar 2000, skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva msemmija hawn fuq;

Billi, skond it-tagħrif xjentifiku u tekniku preżenti, jidher diffiċli illi tiġi prodotta fil-Komunità ż-żerriegħa *triticale* bil-kapaċità tal-ġerminazzjoni daqs dik meħtieġa skond l-Anness II;

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp fit-tagħrif xjentifiku u tekniku huwa approprijat li titnaqqas il-kapaċità minima tal-ġerminazzjoni taż-żerriegħa pura għal 80 %;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permenanti taż-żrieragħ u l-materjal tal-propagazzjoni għall-agrikoltura, l-ortikultura u l-forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

It-Taqsima (2) (A) ta' l-Anness II mad-Direttiva 66/402/KEE hija emendata kif ġej: Fil-każ ta' *tritico-secale* iċ-ċifra '85' fil-kolonna 2 għandha tiġi mibdula biċ-ċifra '80'.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva l-iktar tard sa l-1 ta' Frar 2000. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-disposizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Frar 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru Tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU Nru 125, tal-11. 7. 1966, p. 2039/66.

⁽²⁾ ĠU L 25, ta' 1. 2. 1999, p. 27.